# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Gunju 2024**

**Talba nru. 227/2020**

**RODIANNE CASSAR**
**(KI 40281M)**

*VERSUS*

**BARBUTO LIMITED**
**( C66146)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-2 t'Ottubru 2020 l-attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' erbat elef, sebgha mija u sebgha Ewro u tmienja u tmenin centezmi (Eur 4,707.88) rapprezentanti hlas ta' salarju tax-xahar t'Awwissu 2019 kif ukoll leave u bonuses tal-Gvern. Bl-Ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali 396/2020 u tal-mandat kawtelatorju 174/2020.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fit-30 ta' Lulju 2021 wara li kienet saret in-notifika permezz ta' l-affissjoni, pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u f'gazzetta lokali. Illi f'din ir-risposta, s-socjeta konvenuta laqghet ghat-talbiet attrici billi ecceppiet illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici fin-nuqqas ta' sottimissjonijiet min-naha tas-socjeta konvenuta.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi l-ewwel issir sintezi tal-provi pprezentati.

Illi l-attrici pprezentat affidavit fejn qalet illi bdiet tahdem mas-socjeta konvenuta fl-20 ta' Marzu 2019 bhala Marketing & Operations Manager u l-ahhar gurnata tax-xoghol kienet fit-28 t'Awwissu 2019. Il-paga miftehma kienet ta' Eur 48,000 fis-sena u dan kif jidher mill-abbozz tal-kuntratt illi skond l-attrici, s-socjeta konvenuta baqghet qatt ma ffirmat.

Fil-bidu, l-attrici kienet qed tahdem minn ufficcju fil-Belt Valletta izda minhabba problemi ta' komunikazjzjoni, l-attrici talbet lis-socjeta konvenuta biex tahdem mid-dar, liema talba kienet intlaqet. L-attrici tkompli tghid illi: -

"*Tajjeb nghid illi ghalkemm is-sur Mifsud kien provdieli mobile tal-kumpannija, jien kelli nahseb ghal rasi sabiex nixtri laptop biex inkun nista nahdem minnu ghax lanqas computer ma gejt provduta biex inkun nista naghmel xogholi*." (Fol.60)

L-attrici tghid illi kienet tahdem hinijiet twal fosthom anke matul il-lejl. Wara tlett xhur tithallas normali, l-attrici tghid illi l-pagamenti bdew jittardjaw. Il-hlasijiet li saru lill-attrici kienu jkopru, Marzu, April, Mejju, Gunju u Lulju 2019 u dan ifisser illi hemm nuqqasijiet ta' hlas ghax-xahar ta' Awwissu 2019. L-attrici tghid illi meta kienet tistaqsi lis-sur Mifsud ghal paga, r-risposta kienet tkun illi s-socjeta konvenuta mhux kuntenta bir-rendiment taghha. Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali kien ikkalkula lill-attrici li kellha tiehu l-ammont ta' Eur 4,707.88 li jinkludi paga, leave u bonuses tal-Gvern.

Fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2022 xehed Louis Buhagiar, rapprezentant ta' Jobs Plus, fejn ikkonferma l-employment history u anke d-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attrici. Fl-istess udjenza xehed ukoll Luke Spiteri in rapprezentanza tad-Dipartiment ta' l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali fejn qal illi kien ittiehed kont ta' l-ammont dovut lill-attrici li jammontaw ghal Eur 4,784.10, sabiex anke huma jkunu jistghu jipprocedu kontra s-socjeta konvenuta.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2022, xehdet l-attrici in kontro ezami fejn qalet illi l-ftehim dwar il-paga kien ta' Eur 3000 netti u li qatt ma sar diskors fuq gross. Mistoqsija fuq l-ammont mitlub, l-attrici wiegbet illi dak l-ammont gie mahdum mill-*labour office*.

L-attrici giet mistoqsija a fol.138D, "*Issa, inti waqt illi kont qeghda tahdem mas-socjeta intimata inti qatt hadt xi prodotti min dik is-socjeta, prodotti illi tipproduci l-kumpannija?* L-attrici wiegbet, *"Iva, jigifieri kien hemm break down jigifieri ta' dawn."* L-attrici tkompli tghid illi ma kienx hemm ftehim fuq il-hlasijiet tal-prodotti. Tkompli tghid illi, "*Jiena kont niehu weekly products, kont niehu weekly products waqt illi ma kontx qed nithallas tal, waqt illi ma kontx qeghda nithallas basically. So.*" A fol.138E l-attrici tikkonferma illi fil-bidu kienet thallas ghall-prodotti li kienet tiehu izda

meta ma kienetx qed tithallas, l-attrici ma baqghetx thallas ghall-prodotti li kienet qed tiehu. Dawn il-flus li jirraprezentaw il-prodotti li hadet l-attrici, ma gewx imnaqqsa mill-ammont pretiz mill-attrici. L-ammont li jirrapprezenta dawn ix-xirjiet jammontaw ghal madwar hamsin Ewro (Eur 50) fil-gimgha. L-attrici tghid ukoll illi l-mobile li inghata mis-socjeta konvenuta ghadu fil-pussess taghha u sahansitra parti mill-kont anke thallas mill-istess socjeta.

Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023, xehed id-direttur tas-socjeta konvenuta, Jean Paul Mifsud li qal illi l-attrici kienet giet impjegata bhala *marketing and operations* bejn Marzu 2019 u Awwissu 2019. Ix-xhud ighid illi skond is-socjeta konvenuta m'ghandhom l-ebda ammonti dovuti lill-attrici, anzi hija l-attrici li hija dovuta flus lis-socjeta konvenuta. Ir-rapprezenant tas-socjeta konvenuta ipprezenta sett ta' invoices li mhux imhallsa ghal prodotti li ttiehdu maz-zmien mill-attrici. L-ammont mhux imhallas mill-attrici skond id-dokumenti pprezentati jammonta ghal elf mija hamsa u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu. (Eur 1150.98). Ix-xhud ikompli jghid illi l-mobile li inzamm mill-attrici kien jiswa Eur 349.00 u l-kontijiet tas-servizz kienu jammontaw ghal Eur 830 u Eur 1243.00. Tul ix-xhieda gew ipprezenati wkoll messaggi fejn l-attrici kienet inghatat cash payment ta' Eur 220.00 u li ma kellha l-ebda bilanc ta' leave.

Fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2023, ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kompla jixhed fejn qal illi kien ghadda l-ammont ta' Eur 1500 personalment lill-attrici permezz ta' Revolut li jirriflett parti mis-salarju ta' Awwissu 2019.

Fl-istess seduta xehdet Charmaine Zammit, rapprezentanta ta' Epic Ltd. fejn qalet illi l-kont kien miftuh bejn it-28 ta' Frar 2019 sas-16 ta' Settembru 2021.

Fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2023, sar il-kontro ezami tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta fejn ikkonferma illi l-attrici bdiet tahdem fl-20 ta' Marzu 2019. Mistoqsi ghalfejn ghaddew xahrejn qabel is-socjeta konvenuta talbet li l-linja tal-mobile ta' l-attrici tinqata, ix-xhud wiegeb illi l-attrici baqghet qatt ma hadet lura l-mobile u affarijiet ohra li kienet mitluba tirritorna.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob l-ammont ta' erbat elef sebgha mija u sebgha Ewro u tmienja u tmenin centezmu (Eur 4707.88) minghand is-socjeta konvenuta ghal hlas ta' salarju ghal perjodu Awwissu 2019 flimkien ma' leave mhux ikkunsmat u bonuses tal-gvern. Min-naha taghha, s-socjeta konvenuta laqghet ghal din it-talba billi qalet illi parti minn dan l-ammont thallas u l-parti l-ohra gew imnaqqsa ghal prodotti u kontijiet li l-attrici baqghet qatt ma hallset lis-socjeta konvenuta taghhom.

Illi mhux kontestat il-fatt illi l-attrici kienet impjegata bejn il-perjodu ta' Marzu 2019 u Awwissu 2019. L-attrici tellghet bhala xhud lir-rapprezentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi fejn xehed illi l-ammont mitlub mill-attrici f'din il-kawza gie mahdum u kkomputat minnhom. Din is-somma waslu ghaliha wara li l-istess attrici kienet qaltilom li l-ftehim kien li hija tircievi Eur 3000 netti fix-xahar. It-total ta Eur 4707.88 jirraprezenta ghalhekk, il-paga qabel titnaqqas it-taxxa u l-bolla dovuti lill-Gvern kif ukoll hlasijiet ghal bonuses u granet ta' leave mhux mehuda.

Illi l-attrici ipprezentat tramite x-xhieda li pprezentat quddiem dan it-Tribunal, il-bazi ta' l-ammont pretiz u dan kif ga inghad permezz ta' xhieda ta' Luke Spiteri. Illi s-socjeta konvenuta wiegbet ghat-

talbiet attrici billi pprezentat listi ta' prodotti illi inxtraw mill-attrici u allegatament mhux imhallsa. Is-socjeta konvenuta ghalhekk iddecidiet arbitrarjament illi tnaqqas dawn l-ammonti mill-hlas dovuta ghal paga ta' Awwissu 2019.

Illi x-xhieda in sostenn ta' dan l-argument kienu r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta u rapprezentant ta' Epic Ltd. Din ta' l-ahhar ikkonfermat illi is-servizz tat-telefonija baqa ghaddej ghal sentejn shah bir-rizultat illi gie akkumalat ammont kbir. Min-naha tieghu Jean Paul Mifsud ghan-nom tas-socjeta konvenuta ipprezenta listi twal ta' prodotti li kienet tixtri l-attrici li whud minnhom qatt ma thallsu. Flimkien ma' dawn, ipprezenta kemm jiswa l-mobile mixtri lill-attrici u l-kontijiet telefonici li flimkien ma' pagament tramite revolut ghandu jwassal sabiex l-attrici tkun oltre milli giet imhallsa.

Illi t-Tribunal ma jemminx illi dawn l-ammonti pprezentati mis-socjeta konvenuta ghandhom jiggustifikaw in-nuqqas ta' hlas ghal paga ta' l-attrici. Jibda billi jinghad illi dan it-Tribunal jaqbel mas-sottimissjoni ta' l-attrici illi s-socjeta konvenuta setghet facilment tipprezenta kontro-talba sabiex titlob dawn l-ammonti lill-attrici. Bara minn dan, mil-lista tal-prodotti ipprezentati irrizulta illi whud minnhom kienu jew imhallsin jew sahansitra mhux fl-ammont korrett. Dan it-Tribunal kien talab lir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta sabiex jikkjarifika wara li jaghmel il-verifiki tieghu liema ammonti ghadom dovuti mill-attrici. Izda dan baqa qatt ma sehh min-naha tal-konvenuti. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal, minkejja illi l-attrici fix-xhieda taghha, tikkonferma li meta ma thallsitx kienet hadet prodotti minghajr ma hallset, ma jistax jasal ghall-ebda konkluzjoni fattwali ta' x'inhu l-ammont dovut mill-attrici stante illi s-socjeta konvenuta baqghet qatt ma kkonfermat x'inhu l-ammont ezatt tal-prodotti.

Illi huwa ben risaput illi l-paga ta' impjegat ghandha tinghata fl-intier taghha u dan sakemm ma jkunx hemm qbil espress bejn il-partijiet sabiex isir tnaqqis. Dan ifisser illi l-prodotti mehuda mill-attrici minghand is-socjeta konvenuta ma jistax jigi kkunsidrat bhala tpaccija mal-paga dovuta. Minbarra dan, kif ga saret referenza, s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova ta ammont illi huwa verament dovut mill-attrici.

Is-socjeta konvenuta tressaq l-argument illi ghandhom jitnaqqsu l-ammonti dovuti kemm ghax-xiri tal-mobile kif ukoll ghall-hlasijiet tal-linja tat-telefon. Mill-provi pprezentati quddiem dan it-Tribunal jidher car illi s-socjeta konvenuta damet sentejn sabiex innotifikat lill-kumpannija tat-telefonija sabiex twaqqaf il-linja. Certament, dan it-Tribunal ma jistax jilqa l-argument illi s-socjeta konvenuta ma waqqfitx il-linja ghaliex is-sett tal-mobile ma kienx gie rritornat lura. Galdarba l-linja kienet tghajjat lis-socjeta konvenuta ifisser illi setghet waqqfet dan il-kont hi stess minghajr il-bzonn li s-sett jigi rritornat lura.

Illi minkejja illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta jaghti x'jifhem illi kien sar xi pagament tramite revolut, dan it-Tribunal ma gie pprezenat bl-ebda prova ta' dan u ghaldaqstant din l-allegazzjoni qed titqies li m'ghandiex mill-verita.

Illi meta t-Tribunal jevalwa l-provi pprezenati miz-zewg partijiet, johrog car illi filwaqt illi l-attrici spjegat u ssostanzjat l-ammont dovut minnha ghal paga t' Awwissu flimkien ma' bonuses ohra, s-socjeta konvenuta naqset milli tipprova kull ammont imsemmi minnha hlief dawk l-ispejjez marbuta mal-mobile. Kif ga inghad qabel, it-Tribunal ma jarax illi ghandu jattribwixxi dawn il-hlasijiet li baqghu jigu akkumulati fuq l-attrici.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta konvenuta holqot konfuzjoni ta' cifri u ammonti, il-parti kbira minnom mhux sostanzjati, sabiex ixxejjen il-pretiza attrici izda dan minghajr success. Ghaldaqstant, it-Tribunal jemmen illi m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta sabiex il-pretiza attrici tigi milqugha.

Fir-rigward ta' l-ammont dovut, minkejja illi x-xhud Luke Spiteri qal illi l-ammont dovut lill-attrici kien gie rivedut ghal Eur 4,784.10, fl-ebda stadju ta' din il-kawza l-ammot pretiz mill-attrici u cioe Eur 4707.88 ma gie mitlub li jigi emendat.  Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistax imur oltre l-ammont mitlub mill-attrici fit-talba taghha.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrici l-ammont ta' erbat elef sebgha mija u sebgha Ewro u tmienja u tmenin centezmu (Eur 4,707.88) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-2 t'Ottubru 2020 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 396/2020 u tal-mandat kawtelatorju 174/2020 (ipprezentati fl-atti processwali).

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur